**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru 874/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**

**vs**

**Traore Keredio**

**Illum 23 ta' Jannar, 2024**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Traore Keredio, imwieled nhar il-05/11/1986 ġewwa il-Mali, detentur ta' Dokument ta' l-Ivvjaġġar Malti bin-numru MT905883 u Permess ta' Residenza Malti numru 40703A u numru tal-Pulizija 06X-044;

U akkużat talli fl-20 t'Ottubru, u/jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer ta' Malta, bil-ħsieb li jagħmel xi qliegħ li jkun, assista, ta parir jew ħabrek biex persuni oħra jidħlu jew jagħmlu tentattiv biex jidħlu jew joħorġu jew jgħaddu minn jew jagħmlu tentattiv biex joħorġu minn Malta bi ksur tal-liġijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn Malta kkonġra f'dak is-sens ma xi persuni oħra, u dan bi ksur tal-Kap 9 art 337A tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess perjodu u lok u ċirkostanzi għen jew assista lil xi persuna biex tinżel l-art jew tittanta tinżel l-art f'Malta, jew li toqgħod ġewwa Malta, kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinżelm l-art jew tittanta tinżel l-art jew li toqgħod ġewwa, jew li titlaq minn xi stat ieħor bi ksur tal-liġi dwar id-dħul, ir-residenza u l-ħruġ ta' dak l-istat, jew taħbi jew tagħti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew, għax taħseb, li tkun qiegħda f'Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att bi ksur tal-Kap 217 art 32(1A) tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess perjodu lok u ċirkostanzi, iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaport jew uża jew kellu passaport jew dokument li hu jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar tibdil fih u dan bi ksur ta' l-Art 5 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni jew xjentement għamel użu minn xi dokument iffalsifikat u dan bi ksur ta' l-Art 189 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, mingħajr awtorita' leġittima, uża jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument meħtieġ għall-finijiet ta' l-Att ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Art 32(1f) tal-Kap 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi, kellhu f'idejh passaport, maħruġ minn awtorita' kompetenti, jew li ittrasferixxa dan il-passaport lil persuna oħra jew irċeva passaport li ġie ittrasferit lilhu minn persuna oħra u dan bi ksur ta' l-Art 3 tal-Kap 61 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri jekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti eżebiti u semgħet ix-xhieda.

Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu kif reġistrata fis-seduta datata 23 ta' Jannar 2024.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tatu żmien xieraq biex jekk irid, jista' jerġa' lura minnha u fil-fatt huwa reġa' tenna l-istess ammissjoni tiegħu.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputata ħati ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu. Illi dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari marbuta mal-każ u tqis li jkun iktar idoneju li l-imputat jingħata sentenza ta' priġunerija effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 337A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, 32(1A) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 32 (1f) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 61 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-imputat Traore Keredio ħati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu u fuq ammissjoni tiegħu stess tikkundannah għal għoxrin (20) xahar priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ħati għamel taħt arrest preventiv.**

**Inoltre l-Qorti tordna ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza u dawn l-atti jgħaddu għandu l-Avukat Ġenerali.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**